MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2005

Numru 531/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur N Ciappara)**

**Vs**

George Bezzina

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat George Bezzina ta' karta ta' identita' numru 350759(M) akkuzat, talli f'dawn il-Gzejjer fid-29 ta' Marzu, 2001 u fix-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ghal vantagg privat tieghu ghamel uzu hazin jew seraq flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew

hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilu minhaba l-kariga jew impjieg tieghu;

2. fl-istess data, hin u cirkostanzi mill-Isptar San Luqa, Pieta', ikkommetta serq ta' diversi oggetti cioe' medical paraphernalia li l-valur taghhom jeccedi l-valur ta' Lm50 ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna;

3. fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi, xtara jew b'xi mod iehor irceva minghand persuna ohra jew instab li kellu fil-pussess tieghu xi oggetti li jkollu xi marki jew sinjali li juri li dak l-oggett huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta jew oggetti illi l-possessur tieghu kien jaf illi huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta li l-awtorita' kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista' jiddisponi minnhom u naqas li jghati kont sodisfacjenti ta' kif l-oggetti jew il-haga jkunu gew ghandu u cioe' nstab li kellu fil-pussess u taht il-kontroll tieghu, bhala nursing aid, diversi oggetti tad-Dipartiment tas-Sahha, li l-ammont taghhom ma jeccedix is-somma ta' Lm57.518 u liema oggetti gew fil-pussess tieghu minghajr awtorizazzjoni mill-istess dipartiment – dan bi ksur ta' l-Artikolu 290 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li bihom u ai termini ta' l-istess baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti sabiex tiddecidi fuq il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat u dan fin-nuqqas ta' oggezzjoni min-naha tieghu;

Rat li l-imputat issottometta ghall-gudizzju ta' din il-Qorti;

Semghet ix-xhieda inkluz l-imputat bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi kontra l-imputat ai termini tal-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali, huma:

a. li kellu fil-pussess tieghu kontra l-ligi hwejjew tar-Repubblika ta’ Malta kontra d-dispost tal-Artikolu 290 tal-Kap 9;

b. li fil-kapacita’ tieghu ta’ impjegat pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin ta’ flejjes, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, jew ghaliex ikunu gew fdati lilu, jew ghaliex ikun serqahom, skond kif dispost fl-Artikolu 127 tal-Kap 9;

c. li kkommetta serq semplici a bazi ta’ l-Artikolu 284 tal-Kap 9.

Mill-provi recepiti jirrisulta li l-imputat kien assoggettat ghat-tficcija fir-residenza tieghu fuq suspett li kien qieghed jittraffika u jaghmel uzu minn droga. Il-kawza pero’ ma tirrigwardax dan l-aspett izda li fit-tficcija nstabu u gew elevati oggetti li kellhom it-timbru tad-Dipartiment tas-Sahha. Dawn il-medicinali u hwejjeg relatati maghhom, u hekk elevati, huma ndikati f’zewg prospetti a folio 11 u 12. M’hemmx kontestazzjoni li l-imputat kien jahdem l-isptar bhala ‘nursing aid’ u verament lanqas mhu l-imputat jinnega li huwa kellu l-oggetti fil-pussess tieghu. Anzi, jghid l-imputat, li l-oggetti kienu ghandu tramitte l-karta roza li kienu jinghatghalu minn girien tieghu sabiex jipprokuralhom l-oggetti li huma stess kienu intitolati jiehdu. Issa, u relattivament l-ahhar zewg disposizzjonijiet li bihom l-imputat hu akkuzat, il-provi ma jwasslux biex din l-qorti issib reita’. Hu eskluz is-serq, li imkien mhu pruvat, u lanqas xi vantagg privat receipt mill-imputat bil-fatt li kellu dawn l-oggetti fil-pussess tieghu. Dwar l-ewwel dispositiv, bazat fuq l-Artikolu 290 tal-Kap 9, huwa fatt pruvat u ammess li l-imputat kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija oggetti b’marki jew sinjal tad-dipartiment u li hu kien jaf li huma proprjeta’ tad-dipartiment. L-artikolu in disamina pero’ juza l-kliem testwali ghall-esizistenza tar-reat li “l-awtorita’ kompetenti ma tkunx tat permess bil-miktub sabiex wiehed jista’ jiddisponi minnhom u jonqos li jghati kont sodisfacenti ta’ kif l-oggett jew il-haga jkunu

gew ghandu”. L-imputat stqarr illi l-hwejjeg akkwisthom tramitte il-karta roza li fuq bazi ta’ probabbilita’, kif kien jinkombi fuqu, tissodisfa l-prova li kellu jgib. Mhuwiex kompitu tal-Qorti li fil-kuntest ta’ din il-prova fornita mill-imputat tfittex hi jekk l-hwejjeg kienux jaqaw jew le fir-rekwizti ta’ din il-karta roza.

Ghalhekk tiddecidi l-kawza billi ma ssibx l-imputat hati u tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------